Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 870/2015AE

**Alfred Pule'**

**Vs**

**Automated Revenue Management Services Limited**

L-Erbgha, 25 ta' Mejju 2016.

B'sentenza tas-16 ta' Dicembru 2015, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar cahad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta li t-Tribunal ma kellux kompetenza li jisma' u jiddeciedi l-kawza, u dan skond paragrafu 1.3 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda (Att dwar l-Arbitragg, Kap. 387).

Is-socjeta konvenuta appellat u l-aggravji huma:

1. It-Tribunal interpreta b'mod skorrett l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387.
2. L-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 ma japplikax ghall-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, peress li jirreferi ghall-qorti u imhallef. Inoltre, t-Tribunal naqas milli japplika l-Artikolu 7(2)(a) tal-Kap. 380.

L-attur wiegeb li:

1. L-appell hu null ghaliex ma ntalabx il-permess kontemplat fl-Artikolu 231 tal-Kap. 12.
2. L-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 hu car u gialadarba ma sarx ir-rikors biex it-Tribunal jorda s-soprasessjoni, l-ewwel eccezzjoni ma setatx tirnexxi. Inoltre t-Tribunal kien korrett bil-mod kif ipproceda meta estenda l-kelma 'qorti' ghal 'tribunal'.

Wara li l-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni tosserva:

1. L-attur harrek lis-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' €2,454.25 bhala rifuzjoni ta' hlas li ghamel fir-rigward ta' konsum ta' ilma u dawl. L-attur isostni li dan l-ammont ma kienx dovut. Il-kwistjoni titratta dwar kontijiet li harget il-konvenuta bin-numru 15110857, 15077053 u 15981465 b'riferenza ghall-fond 22, Villa Fontaine, Daniel Sammut Street, Lija.

2. Fit-twegiba l-konvenut argumenta li l-appell hu null ghaliex il-konvenuta ma talbitx il-permess tat-Tribunal sabiex tappella mis-sentenza preliminari tas-16 ta' Dicembru 2015 (Artikolu 231(1) tal-Kap. 12). Pero' skond l-Artikolu 234 tal-Kap. 12 minn kull: *"…. Sentenza moghtija minn kull qorti fuq il-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni tal-kawza, jista' jsir appell; u l-qorti tista twaqqaf is-smiegh tal-kawza sakemm jinqata' dak il-punt fil-qorti fi grad ta' appell, meta*

*ebda wahda mill-partijiet ma tipprova lill-qorti, li t-twaqqif tas-smigh tal-kawza jista jkun ta' hsara ghaliha."* Gialadarba s-sentenza kienet fuq il-kompetenza tat-Tribunal li jisma' u jiddeciedi l-kawza li ppropona l-attur, ma kienx hemm htiega li l-konvenuta titlob il-permess tat-Tribunal sabiex tappella mis-sentenza (ara sentenzi tal-Qorti tal-Appell[1] fl-ismijiet **Dr John Vassallo vs L-Awtorita tat-Trasport f'Malta**, tal-15 ta' Dicembru 2015 u **Mario Vella et vs Malta Industrial Parks Limited** tas-26 ta' Gunju 2015). Hu minnu li fit-22 ta' Dicembru 2015 il-konvenuta pprezentat rikors fejn talbet tali permess, pero' dan mhu ta' ebda konsegwenza. L-eccezzjoni dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell tigi deciza skond il-ligi u mhux a bazi tal-fatt li originarjament il-konvenuta talbet il-permess kontemplat fl-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12.

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni preliminari hi michuda.

3. Skond regola 1.3 tar-raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387), tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma huma soggetti ghall-arbitragg mandatorju. Fil-kaz in ezami t-Tribunal ikkonkluda, gustament, li t-tilwima kienet soggetta ghall-arbitragg mandatorju. Konkluzjoni li m'hijiex il-meritu ta' dan l-appell.

4. It-Tribunal ikkonkluda li l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387[2] japplika ghall-kaz in ezami, wara li ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla fil-kawza **Mario Vella vs Malta Industrial Parks Limited** tat-30 ta' Settembru 2014. F'dik is-sentenza l-qorti kkonkludiet li fejn il-konvenut ma jkunx ghamel ir-rikors kontemplat fl-Artikolu 15(3), ma setax jinvoka l-klawzola arbitrali. F'dan ir-rigward din il-qorti tosserva:-

    i. L-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 japplika fejn hemm ftehim ta' arbitragg. Il-kaz in ezami jitratta dwar **arbitragg mandatorju**. Fil-fehma tal-qorti ladarba hi l-ligi stess li tistipula li t-tilwimiet li jissemmew fir-Raba' Skeda tal-Att huma soggetti ghal arbitragg mandatorju, il-partijiet m'ghandhomx ghazla fejn jirreferu t-tilwimiet. Jekk il-qorti taddotta r-ragunament tat-Tribunal, ikun ifisser li per ezempju l-partijiet jistghu jiftehmu li t-tilwima li taqa' taht ir-Raba' Skeda ma tkunx soggetta ghall-arbitragg mandatorju u minflok tigi riferuta quddiem qorti jew tribunal. Din ma tidhirx li kienet l-intenzjoni tal-legislatur. Hu veru li fil-

---

[1] Superjuri.

[2] *"Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jekk parti fi ftehim ta' arbitragg, jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha tal-parti, tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra kull parti ohra fil-ftehim ta' arbitragg jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha ta' dik il-parti, dwar kull haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg, kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista' f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-procedimenti, u dik il-qorti jew mhallef taghha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitragg ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, ghandha tordna li jitwaqqfu l-procedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni ghandha tigi riferita lill-arbitragg biss wara li jigu ezawriti proceduri ohra ta' rizoluzzjoni ta' kwistjonijiet."*

Kap. 387 m'hemmx definizzjoni tal-kliem *"arbitragg mandatorju"*, pero l-qorti ma tara l-ebda htiega ghaliha. Il-kelma *"mandatorju"* fiha nnifisha tfisser li l-partijiet m'ghandhomx ghazla. Ghall-qorti hu llogiku li l-ligi timponi arbitragg mandatorju fil-kaz tat-tilwimiet li jissemmew fir-Raba' Skeda, u mbaghad ghaliex il-konvenut ma jipprezentax rikors *ai termini* tal-Artikolu 15(3) il-qorti jkollha l-kompetenza biex tisma' u tiddeciedi dwar it-tilwima. It-Tribunal ghamel riferenza ghall-Artikolu 15(11) tal-Kap. 387 li jipprovdi:

*"B'zieda ma' dawk imsemmija b'kull ligi ohra, il-klassijiet ta' tilwimiet imsemmija fir-Raba' Skeda huma soggetti ghal arbitragg mandatorju u f'dawk il-kazijiet il-partijiet ghandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitragg ma' dawk it-tilwimiet."*

Madankollu l-kliem *"il-partijiet ghandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitragg"*, ma jbiddel xejn mill-fatt li l-arbitragg hu mandatorju u ghalhekk m'huwiex soggett ghad-deroga b'kunsens tal-partijiet jew b'rizultat ta' omissjoni ta' parti milli taghmel ir-rikors kontemplat fl-Artikolu 15(3) tal-Kap. 12. L-ghan wara l-arbitragg mandatorju kien proprju sabiex certu kawzi ma jibqghux jinstemghu mill-qrati u tribunal, u m'hemmx dubju li fil-kazijiet kontemplati fir-Raba' Skeda l-legislatur nehha d-dritt tal-ghazla ta' kull parti dwar il-*forum* fejn ghandha tirreferi tilwima. L-introduzzjoni tal-arbitragg mandatorju bl-Att IX tal-2004 nehha l-kompetenza tal-qrati u tribunali f'dawk it-tilwimiet li jissemmew fir-Raba Skeda tal-Kap. 387.

ii. F'kull kaz, din il-qorti ma taqbilx ma' dak li qalet il-Prim'Awla fis-sentenza fuq imsemmija. F'dan ir-rigward fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-14 ta' Gunju 2012 fil-kawza **Zamsul Contractors Limited vs Pharmacare Premium Limited**, il-gudikant sottofirmat diga' kellu l-opportunita' jikkunsidra jekk in-nuqqas ta' prezentata tar-rikors skond l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 378 huwiex fatali ghall-konvenut li ma jipprezentax ir-rikors u fit-twegiba guramentata jinvoka l-klawzola arbitrali[3]. Il-konkluzjoni kienet li l-fatt li l-konvenut ma jipprezentax ir-rikors kontemplat fl-Artikolu 15(3), ma jippregudikax id-dritt tieghu li fit-twegiba guramentata jinvoka klawzola arbitrali. Fis-sentenza **Mario Vella vs Malta Industrial Parks Limited[4]** m'hemm xejn li jwassal lis-sottofirmat li jibdel ir-ragunament li ghamel fis-sentenza **Zamsul Contractors Limited vs Pharmacare Premium Limited**. Dan apparti li l-qorti ma tarax kif konvenut jista' jitqies li rrinunzja li jinvoka

[3] Ara pagni 3-5 tas-sentenza.

[4] Fit-twegiba l-attur ghamel riferenza wkoll ghas-sentenza ta' din il-qorti (Imhallef G.Camilleri), Cobra **Installation Limited vs Stephen Caruana** tat-8 ta' Novembru 2013.

l-klawzola arbitrali mis-semplici fatt li ma pprezentax ir-rikors kontemplat fl-Artikolu 15(3), meta:

(i) m'hemmx disposizzjoni li tipprovdi li fin-nuqqas li l-konvenut jipprezenta r-rikors jitqies li rrinunzja ghad-dritt li jinvoka l-klawzola arbitrali; u

(ii) fl-ewwel att gudizzjarju li jipprezenta bid-difiza tieghu, jargumenta li l-qorti ghandha tissoprassjedi meta din il-materja giet sollevata fl-ewwel att gudizzjarju li pprezenta fid-difiza tieghu.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tichad l-eccezzjoni tal-attur li l-appell hu null.**
2. **Tilqa' l-appell tal-konvenuta, thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-16 ta' Dicembru 2015 u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta.**

**Spejjez a karigu tal-appellat**.

Anthony Ellul.